**KUNSILL LOKALI LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 17 – L-ERBGHA 29 TA’ SETTEMBRU 2010

Il-Kunsill iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu f’Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier(Assenti/Skuzat) |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti inqraw u wara li kienu approvati gew iffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta’ pagamenti annessa gew approvati fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – TOROQ

2.1 Is-Sindku, Dr Ian Castali Paris, informa lill-Kunsill dwar landament tax-xogholijiet tal-progett PPP TOROQ. Huwa qal li l-kuntrattur, Polidano Brothers, kien ghadu ghaddej bl-applikazzjonijiet biex jinhargu l-permessi mehtiega halli jkun jista' jinbeda x-xoghol fi Triq Robert Mifsud Bonnici.

2.2 Il-Perit John Rizzo Naudi, li qed jiehu hsieb dan il-progett ghandu jkompli jzomm lill-Kunsill infurmat b'dak kollu li qed jigri fir-rigward ta' dawn ix-xogholijiet.

2.3 Huwa ghandu jinforma meta ser jinbeda' x-xoghol kif ukoll il-pjan ta' kif ser ikun devjat it-traffiku fit-toroq fejn ser isir x-xoghol.

2.4 Huwa importanti hafna li l-pubbliku fil-lokalita, b'mod specjali r-residenti fit-toroq fejn ser isir ix-xoghol, ikunu nfurmati minn qabel ma' jinbeda x-xoghol.

2.5 Ghandhom jitqassmu flyers bl-informazzjoni ta' dawn ix-xogholijiet biex jigi evitat kull inkonvenjent lir-residenti f'din il-lokalita.

## 3. KUNTRATT GBIR TA' SKART

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv, Is-Sur Alfred Buhagiar, informa lill-Kunsill li l-kuntrattur, Mr. Michael Mizzi, gie notifikat bit-terminazzjoni tas-servizz sa l-ahhar ta' Dicembru 2010.

3.2 Il-Kuntratt il-gdid imfassal ghal dan il-ghan mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali qed ikun aggornat bid-dettalji tal-Lokalita ta' Hal Lija u ghandhu jinhareg l-avviz tat-tender sa l-ahhar ta' Ottubru.

## 4. ATTIVITAJIET KULTURALI

4.1 Fuq il-proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi, il-Kunsill approva biex jinzammu zewg attivitajiet kulturali ghar-residenti tal-Lokal matul Ottubru 2010.

4.2 Dawn huma 'Birgufest by Candle Light' fit-8 ta' Ottubru 2010 u l-festival 'Casal Fornaro' li ser jinzamm Hal Qormi fis-16 ta' Ottubru 2010.

4.3 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia, l-Kunsill approva biex tinzamm Lejla Maltija bil-kollaborazzjoni ta' l-Ghaqda San Mikiel nhar il-17 t'Ottubru 2010. Il-Kunsill approva l-ammont ta' €400 biex ikopri l-ispejjez ta' din l-attivita. Cirkulari bid-dettalji

ta' dawn l-attivtajiet bid-dettalji tal-programm ghandha titqassam lir-residenti nhar it-Tnejn 02 t'Ottubru 2010.

## 5 DEVOLUZZJONI TAL-BELVEDERE

5.1 Is-Segretarju Ezekkuttiv, Is-SurAlfred Buhagiar, informa lill-Kunsill b'ittra li rcieva minghand l-MEPA dwar il-garanzija li kienet qed tintalab biex tkun imhalsa mill-Kunsill.

5.2 Huwa qal li ssomma mitluba originaljament ser tkun reveduta b'mod ragonevoli u aktar dettalji ghandhom jinghataw meta jerga' jiltaqa' l-board tad-DCC biex jiddecidi fuq din l-applikazzjoni.

5.3 Il-laqgha li jmiss ghanda tinzamm nhar is-19 ta' Ottubru 2010.

## 6 SHELTERS TA' ZMIEN IL-GWERRA

6.1 Dr. Marc Sant nforma lill-Kunsill dwar il-hidma li tinzamm biex tingabar l-informazzjoni dwar shelters ta' zmien il-Gwerra li jezistu fil-Lokalita ta Hal Lija.

6.2 Wara li tqassmet ic-cirkulari dwar dan is-suggett, Dr Marc Sant qal li mir-rispons li qed jircievi ghandhu joghrog aktar taghrif ta' informazzjoni fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

## 7 PJAN TA' HIDMA

Is-Segretarju Ezekuttiv, Is-Sur Alfred Buhagiar, ressaq dawn il-punti biex jitfassal pjan ta' hidma.

7.1 Indafa fil-Lokalita

a. Permezz ta' servizz aktar efficjenti fil-gbir ta' skart domestiku, gbir ta' skart goff, knis ta toroq u qtuh ta' haxix.

7.2 Gonna Publici

a. Izzamma fi stat dejjem aktar ahjar tal-gonna pubblici li hemm fiz-zona tal-Mirakli u c-Centru Rekreattiv.

7.3 Toroq u Bankini:

a. Xogholijiet ta’ kisi ta’ toroq bit-tarmac permezz tal-progett PPP TOROQ.
b. Tiswijiet u bankini godda fil-qalba tar-rahal li jistghu jsiru mill-fondi tal-UIF.

7.4 Tisbieh fil-Lokalita

a. Fanali ornamentali fi Triq Trasfigurazzjoni li ghandhom jsiru permezz tal-fondi allokati mill-Gvern Centrali wara t-talba li kienet saret mill-Kunsill taht l-iskema.

b. Lampi ornamentali ohra ghandhom ukoll jizdiedu fil-qalba tar-rahal fejn ikun hemm mehtieg.

7.5 Attivitajiet Kulturali

a. Il-Kunsill ghandu jkompli l-hidma tieghu biex izomm attivitajiet kulturali bhal ma’ dejjem ghamel kull sena.

b. Attivitajiet ohra ghandhom ukoll jinzammu bil-kollaborazzjoni ta’ l-ghaqdiet li hemm fil-Lokalita. Ghandu jsir kull sforz biex il-Kunsill ikompli japplika ghal-fondi taht l-iskemi li jinhargu mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex jinzammu attivitajiet kulturali fil-Lokalita.

7.6 Librerija tal-Kunsill

a. IL-Kunsill ghandu jkompli jinvesti fil-librerija tal-Kunsill li hemm fl-iskola Primarja, Kulleg Santa Tereza, billi jintraw kottba aktar aggornati ghaz-zminijiet tal-llum. Il-Kunsill ghandu jinsisti ukoll biex jsib sponsers halli jghinu jzommu din il-librerija aktar aggornata.

7.7 Traffic Management

a. IL-Kunsill ghandu jkompli jzomm diskussjonijiet mehtiega ma’ Transport Malta biex jsir it-tibdil neccessarju fis-sistema tat-traffiku fir-rahal wara li tkun studjata il-problema li hemm fil-prezent

7.8 Ta' L-Abbati

a. Din iz-zona ghandha tkompli tinghata l-attenzjoni mehtiega billi tinzamm nadifa u jsir il-qtuh tal-haxix f'dawn it-triqat b'mod regolari.

7.9 Ufficju tal-Kunsill

a. Il-kunsillera flimkien mal-haddiema tal-kunsill ghandhom ikomplu bil-hidma taghha biex jkunu ta' s-servizz ghar-residenti fil-lokalita b'mod specjali issa li il-Kunsill qed ikun miftuh ukoll kull filghodu nhar ta' Sibt.

b. Is-Sindku heggeg lill-Kunsilliera biex dawn iresqu ukoll is-suggerimenti taghhom biex ikunu inkluzi f'dan il-pjan ta' hidma fil-laqgha li jmiss.

## 8 ECAD CONFERENCE

8.1 Il-Vici-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, flimkien mal-kunsillier, Dr Marc Sant attendew konferenza dwar ECAD li nzammet f'Ghawdex fit-23 u 25 ta' Settembru 2010.

8.2 *Handout* bid-dettalji tas-suggett li gie diskuss waqt din il-konferenza gie pprezentat quddiem il-Kunsill.

## 9 CENTRU REKREATTIV

9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew il-hinijiet li fihom ghandha ssir sorveljanza fic-Centru Rekreattiv biex ikun evitat vandalizmu f'dan il-post.

9.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jkompli jinsisti mal-pulizija biex jinzamm patrol regolari mil-mobile squad tal-Pulizija. Dan ghar-raguni li fil-prezent ma kienx hemm Pulizija disponibli biex jahdmu extra duty.

9.3 Il-Kunsill approva li jkun hem mil-warden fil-hinijiet bejn is-satejn u s-sitta ta' wara nofs in-nhar fis-Sibtijiet u l-Hdud ghax-xhur li gejjin.

## 10 SKEMA INIZJATTIVA AMBJENTALI

10.1 Il-Kunsill approva biex issir applikazzjoni f'din l-iskema fejn ghandha tkun spjegata l-hidma mwettqa mill-Kunsill fil-qasam ambjentali fiz-zona tac-Centru Rekreattiv.

## 11 SKEMA DWAR INIZJATTIVI TA’ ATTIVITAJIET 2011

11.1 Il-Kunsill approva biex issir applikazzjoni biex jinzamm il-Festival tac-Citru fuq l-istess bazi li kienet saret fis-sena ta’ qabel. Aktar dettalji ta’ din l-attivita’ ghandhom jigu diskussi aktar il-quddiem.

## 12 LAMPI GODDA

12.1 IL-Kunsill qabel li ghanda tinzamm lista ta’ lampi godda li jinhtiegu fil-Lokalita. Wara li jingabru d-dettalji mehtiega ghanda ssir l-applikazzjoni ma’ l-Enemalta.

12.2 Is-Segretarju Ezekkuttiv, Is-Sur Alfred Buhgagiar, informa lil-Kunsill li lanterni ornamentali biex jitkompla t-tisbieh Vjal Trasfigurazzjoni issa waslu u qed isiru preparamenti mehtiega biex dawn jitwahhlu.

12.3 Dawn lanterni gew ordnati fuq l-istess tender tal-progett Tisbieh Pjazza u Vjal Trasfigurazzjoni minghand Calleja Ltd.

## 13 SINJALI TAT-TRAFFIKU

13.1 IL-Kunsill approva biex il-Perit John Rizzo Naudi jigi mitlub biex jipprepara pjanti bil-parking bays u sinjali ohra tat-traffiku fi Triq il-Forn, Triq il-Kuncizzjoni, u hdejn l-istatwa ta’ San Pawl.

## 14 LAQGHA

14.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.30p.m.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar l-Erbgha 20 ta’ Ottubru 2010 fl-5.00p.m..

| | |
|---|---|
| Dr. Ian Castaldi Paris | Sur Alfred Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |